**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Dicembru, 2016

Rikors Nru : 469/16 AL

**AB**
**Vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrent, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-esponent izzewweg lill-intimata fis-26 ta' Novembru 1983 dok A huwa ic-certifikat taz-zwieg; minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal.
2. Illi iz-zwieg ta' bejn il-partijiet tkissier irrimedhjabilment tant li il-partijiet ilhom li isseparaw u dan permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Peter Carbonaro datat 2, ta' April 1993 - Dok B.
3. Illi intant il-partijiet ilhom separati de facto ghal aktar minn hames snin u minn dawn is-snin ilhom separati permezz tal-kuntratt ghal perjodu ta' tleta u ghoxrin sena;

4. Illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni.
5. Illi ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.
6. Illi l-attur jixtieq jipprevalixxi ruhu mid-dritt li jitlob u jottjeni id-divorzju u dan ai termini tal-Art 66A u Artikoli sussegwenti tal-Kodici Civili;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Previa kull dikjarazzjoni li tkun necessarja tiddikjara u tordna li iz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-26 ta' Novembru 1983 jigi dikjarat xolt ai termini tal-Artiklu 66A u Artikoli sussegwenti tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Ottubru, 2016;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla tiddikjara illi ma ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-2 ta' April 1993;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur

tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.